MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 318/2010

**Av. Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjetajiet esteri Sony Computer Entertainment Europe Limited.**

**vs.**

**Dr. Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar li b'digriet tal-24 ta' Gunju 2010 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti kunsinjatarju SELMA u S.M.T.F ghal kull interess li jista' jkollu.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta estera Sony Computer

Entertainment Europe Limited datat 6 ta' April 2010 a fol. 1 tal-process fejn espona: -

Illi s-socjeta rikorrenti Sony Computer Entertainment Europe Limited hija l-proprjetarja ta' diversi drittijiet registrati kemm mal-Ufficcju tal-Proprjeta` Industrijali ta' Malta kif ukoll bhala *Community Trademarks* u *Community Designs,* ma l-*Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea fost liema hemm s-segwenti drittijiet relatati mal-importazzjoni odjerna: (a) il-kelma msejha 'PlayStation' logo liema kelma hija protetta mal' *Office for Harmonization in the Internal Market* ta' l-Unjoni Ewropea bin-numru ta' registrazzjoni CTM 970608; (b) is-simbolu PS family logo liema dritt huwa protett mal' *Office for Harmonization in the Internal Market* ta' l-Unjoni Ewropea bin-numru ta' registrazzjoni CTM 995894; (c) is-simbolu tal-'Controller Shapes logo' liema dritt huwa protett mal' *Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea bin-numru ta' registrazzjoni CTM 1352517; (d) is-simbolu tal-'Controller Shapes logo' liema dritt huwa protett mal- *Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea bin-numru ta' registrazzjoni CTM 786715; u (e) il-kelma 'Dual Shock' liema dritt huwa protett f'Malta bin-numru ta' registrazzjoni 30626 (Dok 'SCEE 1').

Illi fit-tmienja (8) ta' Marzu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) r-rikorrenti *nomine* gie infurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru UESU 4817419 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM OTELLO liema *container* kien fih elfejn, tmien mija u tnejn u sittin (2,862) *playstation controllers* kollha bil-marki 'PlayStation', 'Dual Shock', 'PS Family Logo' u l-'Controller Shapes Logo', u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta' proprjeta` intelletwali (Dok 'SCEE 2').

Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti *nomine* jirrizulta li l-*playstation controllers* hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana huma fil-fatt kontraffazzjonijiet ghar-raguni li fihom il-kliem u s-simboli

‘PlayStation’, ‘Dual Shock’, ‘PS Family Logo’ u l-‘Controller Shapes Logo’ u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta’ Sony Corporation u Sony Computer Entertainment Europe Limited, u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta intelletwali ta’ Sony Computer Entertainment Europe Limited u dan skond ir-rapport anness u mmarkat bhala Dok ‘SCEE 1’.

Illi r-rikorrenti *nomine* talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta sabiex *a tenur* tal-**artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta’ Malta** huwa jipprocedi civilment ghall-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta.

Illi din il-merkanzija inqabbdet mill-Port Hieles ta’ Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa S.M.T.F. p/c SELMA u dan skont dak citat fil-polza ta’ taghbija numru GGZ0289138B (Dok ‘SCEE 3’).

Illi, l-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-disposizzjonijiet ta’ l-**artikolu 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta**, kif ukoll tal-**artikolu 10 (2) (b) tal-Att Dwar it-Trademarks (Kap 416)** u huma azzjonabbli b’applikazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-**artikoli 14-19** tal-istess **Kap. 416 u l-artikoli 7 u 8** ta’ l-istess **Kap. 414**.

Illi s-socjeta` rikorrenti ghandha kull interess li tippromwovi din l-azzjoni gudizzjarja sabiex tikkawtela u tenforza l-jeddijiet taghha.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti talbet lis-socjeta` intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f’*playstation controllers* li fuqhom hemm il-kliem u s-simboli ‘PlayStation’, ‘Dual Shock’, ‘PS Family Logo’ u l-‘Controller Shapes Logo’ u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru UESU 4817419 kontenenti l-imsemmija *playstation controllers*,

huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta’ proprjeta` intelletwali tas-socjeta` rikorrenti Sony Computer Entertainment Europe Limited fir-rigward tat-*trademark* taghha: (a) il-kelma msejha ‘PlayStation’ logo liema kelma hija protetta mal’ *Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea bin-numru ta’ registrazzjoni CTM 970608; (b) is-simbolu PS family logo liema dritt huwa protett mal’ *Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea bin-numru ta’ registrazzjoni CTM 995894; (c) is-simbolu tal-‘Controller Shapes logo’ liema dritt huwa protett mal- *Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea bin-numru ta’ registrazzjoni CTM 1352517; (d) is-simbolu tal-‘Controller Shapes logo’ liema dritt huwa protett ma’ l’ *Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea bin-numru ta’ registrazzjoni CTM 786715; u (e) il-kelma ‘Dual Shock’ liema dritt huwa protett f’ Malta bin-numru ta’ registrazzjoni 30626; (Dok ‘SCEE 1’) u dan okkorrendo bin-nomina ta’ esperti nominati ghal dan il-fini.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali *playstation controllers* ‘l hinn mill-kanali tal-kummerc b’dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta` rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk *playstation controllers*, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-intimati.

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u t-tielet talbiet tas-socjetajiet rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija *playstation controllers* ghall-hazna f’Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez kollha dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana mill-bidu tal-iproceduri, kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta’ distruzzjoni inkluz l-ispejjez kollha inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess *playstation controllers*.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda (fol. 3) id-dokument esebiti kif jidhru a fol. 5 sa fol. 25 tal-process.

Rat id-digriet datat 24 ta' Gunju 2010 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-entita' intimata.

Rat li dan ir-rikors giet appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-30 ta' Novembru 2010, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura tal-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata 12 ta' Ottubru 2010 (fol. 42) fejn ecceppew:-

1. Illi huma li ma jafu xejn dwar il-fatti li wasslu ghall-kawza u jirriservaw id-dritt li jressqu twegiba ohra jekk isehhilhom jaqbdu mad-destinatorju tal-merkanzija S.M.T.F/C SELMA.

Rat il-lista ta' xhieda tal-istess kuraturi a fol. 42 tal-process.

Rat in-nota ta' Dr. Peter Fenech datata 15 ta' Ottubru 2010 a fol 44 tal-process li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess u l-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana is-sur George Agius (fol. 46).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-30 ta' Novembru 2010 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Sarah Galea ghall-attur *nomine* li rrimettiet ruhha ghall-atti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-11 ta' Jannar 2011.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi jirrizulta mill-provi prodotti li 8 ta' Marzu 2010 ir-rikorrenti *nomine* gie nfurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru UESU 4817419 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM OTELLO liema *container* kien fih 2,862 *playstation controllers* kollha bil-marki 'PlayStation', 'Dual Shock', 'PS Family Logo' u l-'Controller Shapes Logo', u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta' proprjeta` intelletwali (Dok 'SCEE 2') tas-socjetajiet attrici protteti kif fuq indikat. Dan jinsab ikkonfermat mix-xhieda ta' Dr. Peter Fenech datat 15 ta' Ottubru 2010 (fol 45) u tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius datat 24 ta' Settembru 2010 (fol. 46).

Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti *nomine* jirrizulta li l-*playstation controllers* hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana huma fil-fatt kontraffazzjonijiet ghar-raguni li fihom il-kliem u s-simboli 'PlayStation', 'Dual Shock', 'PS Family Logo' u l-'Controller Shapes Logo' u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' Sony Corporation u Sony Computer Entertainment Europe Limited, u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intelletwali ta' Sony Computer Entertainment Europe Limited u dan skond ir-rapport anness u mmarkat bhala Dok. 'SCEE 1'.

Illi dwar l-eccezzjoni tal-kuraturi deputati jirrizulta wkoll li skont id-Dokumenti tal-istess Dr. Peter Fenech ghandu l-mandat necessarju sabiex jaghmel din il-kawza u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha ghaliex gew ilkoll ippruvati u fil-fatt ma hemm l-ebda kontestazzjoni ghall-istess.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati biss in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'*playstation controllers* li fuqhom hemm il-kliem u s-simboli 'PlayStation', 'Dual Shock', 'PS Family Logo' u l-'Controller Shapes Logo' u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru UESU 4817419 kontenenti l-imsemmija *playstation controllers*, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intelletwali tas-socjeta` rikorrenti Sony Computer Entertainment Europe Limited fir-rigward tat-*trademark* taghha: (a) il-kelma msejha 'PlayStation' logo liema kelma hija protetta mal' *Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea bin-numru ta' registrazzjoni CTM 970608; (b) is-simbolu PS family logo liema dritt huwa protett mal' *Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea bin-numru ta' registrazzjoni CTM 995894; (c) is-simbolu tal-'Controller Shapes logo' liema dritt huwa protett mal- *Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea bin-numru ta' registrazzjoni CTM 1352517; (d) is-simbolu tal-'Controller Shapes logo' liema dritt huwa protett ma' l' *Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea bin-numru ta' registrazzjoni CTM 786715; u (e) il-kelma 'Dual Shock' liema dritt huwa protett f' Malta bin-numru ta' registrazzjoni 30626; (Dok 'SCEE 1').

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi dawk *playstation controllers*, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tas-socjetatijiet/entitajiet intimati.

3. Tordna li lis-socjetajiet/entitajiet intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u t-tielet talbiet tas-socjetajiet rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija *playstation*

*controllers* ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez kollha dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana mill-bidu tal-proceduri, kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta' distruzzjoni inkluz l-ispejjez kollha inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess *playstation controllers*.

Bl-ispejjez kontra l-entitajiet/socjetajiet intimati b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------